MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 746/2014

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**Vs**

**Mark Tabone (K.I. 118872 (M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ecepixxiet illi:-

Il-konvenut  ghandu jigi kkundanat ihallas l-ammont ta’ elfejn, seba’ mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tletin centezmu (€2, 723.30) rapprezentanti l-ammont dovut lis-Socjeta’ attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok.VF1’.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa’ inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghall-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezenti kontestwalment ma’ din it-talba, u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimat illi hu, minn issa ingunt ghas-Subizzjoni tieghu.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-------------mill-Avukat Andre’ Portelli u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn, seba' mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tletin centezmu (€2, 723.30) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali hekk kif mitluba fl-Avviz ta' din it-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------